Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tat-2 ta' Awwissu, 2002

Numru 629/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR SANDRO ZARB**

**VS**

**HESHAM MUBARK SHOUIB**
**WALID ALI SAID RAGOUBI**

**Illum 2 ta' Awissu 2002.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Hesham Mubark Shouib, ta' 24 sena, ta' nazzjonalita' Libjana, iben Mubark u Fatma, imwieled Tobruk fl-1978 u detentur ta' passaport numru 907616;

U kontra Walid Ali Said Ragoub, ta' 24 sena, ta' nazzjonalita' Libjana, iben Ali u Farma, imwieled Tagiura fl-24 ta' Gunju 1978 u detentur ta' passaport numru 348561;

Talli matul l-ahhar xhur f'dawn il-gzejjer, iffalsifikaw, biddlu jew ghamlu xi tibdil f'passaport jew uzaw jew kellhom ghandhom passaport li huma jafu li gie ffalsifikat, imbiddel, jew li sar tibdil fih.

U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni ohra, jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifikaw sigilli, timbri jew marki ohra, li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw jew jimmarkaw, fl-isem tal-Gvern jew ta' l-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta' proprjeta' pubblika, jew li jkun qeghdin that il-kustodja pubblika ukoll jekk dan sar bl-uzu falz tal-ghodda vera;

U aktar talli maltul l-ahhar xhur, mingharj ma nghataw permess ta' residenza nizlu l-art jew kienu Malta minghajr permess minghand l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni.

Wara illi rat l-Artikoli 5, tal-Kapitolu 61, l-Artikolu 189, 172 u 176 tal-Kapitolu 9, u l-Artikoli 5, 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja taz-zewg imputati, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssibhom hatja ta' kif akkuzati mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda tilliberahom bil-kondizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fiz-zmien tlett (3) snin mil-lum, a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti qeghda wkoll tiddikjara lill-istess imputati immigranti projbiti u tordna t-tkeccija immedjata taghhom minn dawn il-gzejjer.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza liz-zewg imputati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------